VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,037, 10 ta' Awwissu, 2018
Taqsima B

A.L. 268 tal-2018

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda".

Jemenda t-Taqsima A Tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda, għandu jiżdied dan li ġej:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"ADB-CHMINACA	*N*-(1-amino-3,3-dimethyl-1-oxobutan-2-yl)-1-(cyclohexylmethyl)-1*H*-indazole-3-carboxamide
CUMYL-4CN-BINACA	1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-phenylpropan-2-yl)-1*H*-indazole-3-carboxamide"